MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2009

Numru. 635/2009

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**

**KONTRA**

**ALI FARAH ALI ta’ 27 sena, imwieled nnhar l-1 ta’ Jannar, 1982 (Police no 08KK-33) iben Farah Ali u Khadiga nee’ Xaji, residenti gewwa OIWAS Open Centre u detentur tal-karta ta’ l-identita’ 49552A; MOHAMED AHMED MUKHTAR ta’ 19-il sena, imwieled Somalia nhar it-2 ta’ Jannar, 1990 (Police no 08KK-73), iben Mohamed u Fozia nee’ Omer, residenti gewwa Tent Village, Tent no 39, Hal-Far L/O Zurrieq, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 49938A;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **ALI FARAH ALI** u **MOHAMED AHMED MUKHTAR** li gew akkuzati talli:

1. Nhar l-24 u s-26 ta’ Gunju, 2009 u fl-1 ta’ Lulju, 2009 gewwa dawn il-Gzejjer ghamlu falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew bank privat b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi qiedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atit jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

2. U aktar talli fl-istess dati, lok, u cirkostanzi, sabiex jiksbu vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw taghrif falz.

Rat l-ammissjoni ta’ l-imputati registrata fl-istadju tal-prezentata, wara li gew moghtija zmien biex jikkonsidraw l-istess;

Rat ukoll in-nuqqas ta’ oggezzjoni ghal proceduri sommarji kif ukoll il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghall-istess;

Semghet it-trattazzjonijiet.

Issib lill-imputati hatja ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom, u dan wara li rat l-Artikoli 32(1c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta Malta, l-Artikoilu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta; Malta, u kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ukoll l-Artikoli 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Qieset il-gravita’ tar-reat minnhom kommess – dan wiehed li seta’ kien a dannu tal-Gvern ta’ Malta li qieghed jaghti lill-imputati beneficcju bl-applikzzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundannhom sitt(6) xhur habs sospiza ghal sena(1).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------